# Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-1928

**Carl Farrugia**

Artiklu interessati li ġie f'idejja dan l-aħħar kien artiklu li deher fis-Sunday Times tal-Ħadd 15 ta' Lulju 1979. Dan l-artiklu jitkellem dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta tal-1928.

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet issir fil-Belt Valletta kienu jsiru tiġrijiet taż-żwiemel li kienu jkunu riklamati minn ċertu "Salvu Kasina". It-tiġrijiet kienu jibdew mix-Xatt ta' Tas-Sliema u jibqgħu sejrin sa Ta' Xbiex. Ir-rebbieħ tal-tiġrijiet kien jingħata l-palju tradizzjonali li kien jirregalah lill-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Id-drapp ta' kull palju kien jintuża biex isiru paramenti sagri.



It-Tiġrijiet taż-żwiemel li jkunu jsiru fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu minn tas-Sliema sa Ta' Xbiex




Il-Banda La Valette qed tagħmel is-servizz tagħha nhar il-15 ta' Lulju

Matul il-festa l-Banda ta' Indri kienet iddoqq marċi f'Misraħ San Ġorġ u mbagħad tibqa' sejra x-Xatt ta' Tas-Sliema fuq il-lanċa biex iddoqq għall-bidu tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

Dan l-artiklu juri wkoll il-Banda La Valette nieżla Triq it-Teatru l-Antik lejlet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-15 ta' Lulju. Il-banda kienet qed iżżomm standard li juri s-suċċess tal-Banda La Valette f'Como fejn rebħet l-ogħla unur f'kompetizzjoni internazzjonali tal-baned li sar fl-1927.

Ir-ritratti li jidhru f'dan l-artiklu ttieħdu mis-Sur Alfred Gera. Ħajr lil-Librerija Nazzjonali u lis-Sunday Times.



Il-Purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju 1928